C/2026/3944

22.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12427 — APOLLO FUNDS / KKR / ATLANTIC AVIATION HOLDINGS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3944)

1. Fl-14 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Apollo Capital Management, L.P. (l-Istati Uniti) ikkontrollata minn Apollo Global Management, Inc. ("AGM" u, flimkien mas-sussidjarji indiretti ta' AGM li jimmaniġġjaw il-fondi ta' investiment, "Apollo", u l-fondi ta' investiment immaniġġjati minn affiljati ta' Apollo, il-"Fondi Apollo", l-Istati Uniti),

— KKR & Co. Inc. ("KKR & Co." u flimkien mas-sussidjarji tagħha, "KKR", l-Istati Uniti),

— Atlantic Aviation Holding Corporation ("Atlantic Aviation", l-Istati Uniti), attwalment ikkontrollata minn KKR.

Il-Fondi Apollo u KKR se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Atlantic Aviation.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Il-Fondi Apollo huma fond ta' investiment immaniġġjati minn affiljati ta' Apollo. Apollo hija maniġer tal-assi alternattivi globali. Apollo toffri servizzi ta' ġestjoni tal-investiment u ta' ppjanar finanzjarju lil individwi u investituri istituzzjonali fuq bażi globali. Eżempji ta' investimenti attwali jinkludu, fost l-oħrajn, kumpaniji fl-edukazzjoni, l-assigurazzjoni, is-servizzi finanzjarji, u n-negozji tad-divertiment.

— KKR hija ditta ta' investiment globali li toffri ġestjoni tal-assi alternattivi kif ukoll soluzzjonijiet tas-swieq tal-kapital u tal-assigurazzjoni.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża Atlantic Aviation huma dawn li ġejjin: operatur ta' bażi fissa li jipprovdi servizzi fuq l-art lill-klijenti tal-avjazzjoni kummerċjali madwar l-Istati Uniti u l-Karibew.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12427 — APOLLO FUNDS / KKR / ATLANTIC AVIATION HOLDINGS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË